**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 03/09(26_03_09).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Marzu 2009, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fit-3.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-20 ta' Marzu 2009.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Uffiċjal Eżekuttiv.
6. Xogħlijiet u Apparat għall-*Playing Field*.
7. Attivitajiet Kulturali fil-Munxar.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Kumitat Konġunt tad-Dwal tat-Toroq kopja tal-Minuti tal-Laqgħa 02/2006 ta' dan il-Kumitat, li saret fis-26 t' Ottubru 2006, fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ, Għawdex.

2.02 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00278/09 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fi Triq ir-Rumani, Xlendi minħabba li għandu ġnien, sit vojt jew art oħra fil-beraħ li bid-dehra jew kundizzjoni tagħha qiegħda tħassar il-ġmiel jew siwi taż-żona li qiegħda fiha minħabba bdil ta' l-użu ta' l-art billi tqiegħed *container*.

2.03 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00453/09 – *To provide electricity service through trench to pump room* fi Triq ix-Xlendi, Munxar u Applikazzjoni Nru. 00500/09 – *To effect alterations and additions to existing building* fi Triq ir-Rabat, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 15/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Rapport dwar l-Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 16/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2008-09'.

2.06 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00310/09 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit f' il-Mejda, limiti tal-Munxar minħabba li għandu ġnien, sit vojt jew art oħra fil-beraħ li bid-dehra jew kundizzjoni tagħha qiegħda tħassar il-ġmiel jew siwi taż-żona li qiegħda fiha minħabba bdil ta' l-użu ta' l-art billi għandu żewġ vetturi mitluqa fl-għalqa.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00311/09 li l-MEPA ħarġet rigward sit fi Triq ta' Marżiena, Munxar minħabba ġnien, sit vojt jew art oħra fil-beraħ li bid-dehra jew kundizzjoni tagħha qiegħda tħassar il-ġmiel jew siwi taż-żona li qiegħda fiha minħabba bdil ta' l-użu ta' l-art billi hemm vettura mitluqa fuq il-post.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00312/09 li l-MEPA ħarġet rigward sit fi Triq Santa Dminka, Munxar minħabba ġnien, sit vojt jew art oħra fil-beraħ li bid-dehra jew kundizzjoni tagħha qiegħda tħassar il-ġmiel jew siwi taż-żona li qiegħda fiha minħabba bdil ta' l-użu ta' l-art billi hemm żewġ vetturi mitluqa fl-għalqa.

2.09 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00313/09 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fi Triq Żgħawri, minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi bdil ta' l-użu ta' l-art billi għandu trakk, karozzi u vetturi oħra kif ukoll oġġetti oħra tal-ħadid oħra mitluqa fl-għalqa.

2.10 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fit-30 ta' Frar 2009 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Editur, Uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita' rigward 'Ħarġa ġdida tal-ktieb Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b' Diżabilita''.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assistent Direttur, Field Services Unit, Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed iwassal komunikazzjoni mingħand il-Projects Manager, Planning and Priorities Co-ordination Division (PPCD) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward l-'European Neighborhood and Partnership Instrument (ENPI) Mediterranean Sea Basin Programme'.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 18/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Servizzi mogħtija mill-Kunsilli Lokali'.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward il-'Community Work Scheme'.

2.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward 'Allokazzjoni Finanzjarja 2009-2010.'

2.16 Il-Kunsill irċieva invit mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni sabiex il-Kunsill jattendi għal-laqgħa li fiha tiġi spjegata l-Community Work Scheme u kif jistgħu jibbenefikaw minnha l-Kunsilli Lokali, kif ukoll ser tiġi diskussa l-*memo* rigward l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Lokali, fis-27 ta' Marzu 2009, fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.

2.17 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00466/09 li l-MEPA ħarġet rigward sit fi Triq Santa Dminka, Munxar minħabba ġnien, sit vojt jew art oħra fil-beraħ li bid-dehra jew kundizzjoni tagħha qiegħda tħassar il-ġmiel jew siwi taż-żona li qiegħda fiha minħabba bdil ta' l-użu ta' l-art billi hemm dgħajsa, forma, u makkinarju ieħor mitluq fuq il-post.

2.18 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00467/09 li l-MEPA ħarġet rigward sit f' Ta' Sufa, Munxar minħabba ġnien, sit vojt jew art oħra fil-beraħ li bid-dehra jew kundizzjoni tagħha qiegħda tħassar il-ġmiel jew siwi taż-żona li qiegħda fiha minħabba bdil ta' l-użu ta' l-art billi hemm karozza mitluqa fuq il-post.

2.19 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Direttur Eżekuttiv, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita', Informazzjoni Aġġornata dwar is-Servizzi mogħtija mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Joseph Debrincat fejn informa lill-Kunsill li fit-3 ta' Lulju 2009 ser ikun hawn Banda Taljana li tixtieq iżżur Għawdex biex tesegwixxi programm. Huwa staqsa x' possibilita' hemm li din il-banda tkun mistiedna mill-Kunsill biex tagħmel dan il-programm ġewwa x-Xlendi. L-ispiża hija trasport tal-vapur, *coach*, ikla f' nofsinhar u *refreshments* filgħaxija għal madwar 80 ruħ. Il-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta.

3.02 Il-Kunsill irċieva ilment dwar ħmieġ li qed jakkumula fil-*Parking* tax-Xlendi, viċin il-*boathouses*. Il-Kunsill kien diġa' ħa ħsieb u naddaf billi ġab *open skip*.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kunsill Lokali Isla dwar il-Festival Marittimu li ser jittella' fis-17 ta' Mejju 2009. Qed issir stedina sabiex il-Kunsill jinnomina tliet jew erba' persuni li jistgħu jipparteċipaw f' din l-attivita'.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumpanija TCTC fejn qed tagħmel proposta sabiex il-Kunsill joffri kors tal-Kompjuter ETFAL, fejn il-Kunsill iħallas is-somma ta' €250 filwaqt li t-tfal ma jħallsu xejn. Ġie deċiż li l-Kunsill joħroġ sejħa u jekk ikun hemm aktar minn 10 parteċipanti, l-Kunsill jipparteċipa.

3.05 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li resident minn Sannat bagħat lill-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali dwar il-proposta li jsir riċiklaġġ ta' skart domestiku fl-*area* magħrufa bħala Tal-Lewż.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand ir-Rettur tal-Knisja tax-Xlendi fejn qed jitlob sabiex il-Kunsill iħallas servizz tal-Banda ta' l-Iscouts ta' San Ġwann għal nhar Ħadd il-Għid waqt il-Manifestazzjoni Ferrieħa bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt. Dan is-servizz ser jiswa €233. Kien hemm qbil dwar dan.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand tfajla mill-Munxar li pparteċipat fil-Kontest ta' Sbuħija 'Gozo Beauties for Miss World Malta' u hija ġiet magħżula ma' tliet parteċipanti oħra minn Għawdex għas-Serata Finali li ser issir fl-4 ta' Lulju 2009. Hija qed titlob *sponsor* ta' €315 u jekk ma jkunx possibbli, l-Kunsill jagħti *sponsor* ta' €130. Peress li r-regolamenti finanzjarji ma jippermettux dan, kien ser jiġi ċċekkjat ma' Kunsilli oħra jekk jirċevux talba bħal din.

3.08 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li ntbagħtet minn koppja minn Sannat lill-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, rigward l-impjant ta' riċiklaġġ f' Tal-Lewż, Sannat.

3.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumpanija KIP Għawdex Ltd. fejn qed tinforma lill-Kunsill li Triq ta' Luvier ma hijiex fi stat tajjeb li jidħlu t-trakkijiet biex jiġbru l-iskart domestiku u konsegwentament qed issir ħsara lill-istess vetturi. Qed jitolbu li din it-triq tiġi rranġata malajr kemm jista' jkun. Il-Kumpanija informat lill-Kunsill illi f' każ li din it-triq ma titranġax ma jkunux jistgħu jibqgħu jagħtu servizz lir-residenti ta' l-istess triq. Is-Sindku kien ser ikellem lis-sid ta' din it-triq sabiex tiġi rranġata minnu.

3.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Ko-ordinatur ta' Lejlet Lapsi – Notte Gozitana 2009 li ser tiġi organizzata mit-Taqsima Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bejn it-22 u l-24 ta' Mejju 2009. Huwa qed jistieden lill-Kunsilli Lokali li jekk fil-ġranet tal-*festival* ser ikollhom postijiet ta' interess/wirjiet miftuħa għall-pubbliku u/jew attivitajiet ta' natura kulturali fil-lokalita', sabiex jinformawh u jitniżżlu bħala parti mill-programm ġenerali. Il-Kunsill ikkonsidra li jiftaħ il-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi iżda f' dawn il-ġranet ikunu għadhom isiru x-xogħlijiet.

3.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Modelle International fejn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jagħżel żewġ mudelli mil-lokalita' biex jikkompetu fil-Konkors 'Gozo Beauties'.

3.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Gvern Lokali bħala risposta għall-ittra tas-Sindku fejn qed jiġi kkonfermat li d-delega tat-tidwil tat-toroq tinkludi mhux biss il-bdil ta' bozoz maqtugħin iżda wkoll il-manutenzjoni tal-fornitura li magħha hi mwaħħla l-lampa. Jekk il-Kunsill ikun sodisfatt li l-ħsara saret minħabba nuqqas ta' manutenzjoni, allura għandu jikkunsidra pożittivament li jilqa' t-talba ta' sid il-post li saritlu ħsara fil-faċċata.

Il-ħin kien l-4 ta' filgħaxija u s-Sur Mario Camilleri talab sabiex ikun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 03/09(26_03_09).

**5.00 Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Uffiċjal Eżekuttiv.**

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-Uffiċjal Eżekuttiv. Is-Sindku ppreżenta r-rapporti u ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *bonus* ta' 10% u l-Uffiċjal Eżekuttiv *bonus* ta' 6% skont ir-regolamenti finanzjarji tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill għadda għall-*item* 11 - Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sur Patrick Grima ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li Triq Żgħawri tinsab mimlija bil-ħaxix li għandu l-bżonn li jinqata'. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll dwar il-fanali li hemm imwaħħlin mal-*boathouses* tal-*Parking* tax-Xlendi. Is-Sindku informah li kienu ser jittieħdu l-passi dwar dawn il-punti.

11.02 Il-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri ssuġġerixxa li għandhom jitħawwlu fjuri fid-daħla tal-Munxar eżattament taħt is-siġar tat-Tut. Il-Kunsill kien ser jitlob lid-Dipartiment ta' l-Agrikultura peress li l-post qiegħed fi triq li taqa' taħt il-Gvern Ċentrali.

11.03 Is-Sinjura Carmen Said irreferiet għal-laqgħa li kienet saret fl-Uffiċċju tal-Kultura mas-Sur Kevin Sciberras fejn kien hemm preżenti s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ persuni oħra fejn ġiet diskussa l-attivita' Kulturali li ser jorganizza l-Kunsill fl-1, 2 u 3 ta' Mejju 2009. Hija ilmentat għall-fatt li din il-laqgħa saret mingħajr ma hija biss kienet taf b' din il-laqgħa. Is-Sindku wieġeb li b' daqshekk ma sar xejn ħażin.

11.04 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku li l-affarijiet m'humiex jitmexxew sew, speċjalment dwar deċiżjonijiet li l-Kunsill unanimament ikun iddeċieda u dawn jiġu mibdula għal darba darbtejn f' laqgħat separati li għalihom is-Sinjura Carmen Said kienet skużata.

Is-Sinjura Carmen Said irreferiet għad-deċiżjoni li l-Kunsill unanimament kien qabel li għandu jinxtara madum b' saħtu taċ-ċeramika għall-*Playing Field*, liema deċiżjoni ġiet mibdula għal dik waħda li jinxtara madum tas-siment. Is-Sinjura Carmen Said qalet li din mhix serjeta' li għandu jimxi biha l-Kunsill, imma deċiżjoni għandha tiġi rrispettata u mhux qisu ma ġara xejn. Is-Sinjura Carmen Said qalet li hija m'hijiex responsabbli għal din id-deċiżjoni. Is-Sindku wieġeb li dan sar wara li l-Kunsill ħa l-parir tal-Perit u tal-Kuntrattur li ser ipoġġi l-wiċċ.

Il-ħin kien is-6 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa titkompla bl-istess Aġenda nhar it-Tnejn, 30 ta' Marzu 2009, fit-3.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa tkompliet nhar it-Tnejn, 30 ta' Marzu 2009, fit-3.30 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm; Is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

**6.00 Xogħlijiet u Apparat għall-*Playing Field*.**

6.01 Bħalissa qed titkompla t-tpoġġija tal-kurduna madwar diversi partijiet tal-*Playing Field*. Qed jitpoġġa l-ħajt tas-sejjieħ u x' ħin ikun lest jinbeda x-xogħol fuq il-*conduit* għad-dwal.

6.02 Il-Kunsill għadu qed jaħdem fuq speċifikazzjonijiet għall-apparat tal-*Playing Field* peress li dan irid ikun proporzjon ma' l-art fejn ikun ser jitpoġġa.

**7.00 Attivitajiet Kulturali fil-Munxar.**

7.01 Huwa ppjanat li l-attivita' Kulturali ssir fil-1, 2 u 3 ta' Mejju 2009. Għal din l-attivita' l-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €5,000 mingħand is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubbblika u Informazzjoni. B' kollox l-attivita' ser titla' għal €10,000 fejn il-€5,000 l-oħra jridu jinħarġu mill-Kunsill.

Il-Programm ser ikun imqassam hekk:
Il-Ġimgħa, 1 ta' Mejju 2009 tiġi inawgurata l-Wirja ta' Pittura minn Artisti Taljani u ssir *Lecture* Pubblika dwar il-ħajja ta' San Pawl. Peress li l-Kor Sine Macula ta' Ħal Safi ma jistax jagħmel il-Kunċert is-Sibt, dan il-Kunċert isir il-Ġimgħa, 1 ta' Mejju 2009.
Is-Sibt, 2 ta' Mejju 2009 qed ikun propost li jsir Kunċert fil-Pjazza tal-Knisja mill-*Bands* Winter Moods u Cash Band.
Il-Ħadd, 3 ta' Mejju 2009 ser issir Quddiesa bl-Għana fl-10.30 ta' filgħodu u matul il-ġurnata ssir Wirja ta' Vetturi Antiki fil-Pjazza tal-Knisja.
Matul il-ġurnata tal-Ħadd ser issir Wirja ta' l-Annimali fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Pjazza tal-Knisja u Triq Dun Spir Gauci.
Matul dawn it-tlitt ijiem il-Mitħna ser tkun miftuħa għall-pubbliku mill-10 ta' filgħodu sas-2 ta' wara nofsinhar u d-dħul ser ikun b' xejn.

Il-ħin kien l-4.15 ta' filgħaxija u s-Sur Mario Camilleri talab sabiex ikun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għadhom kemm inżebgħu s-sinjali s-sofor tat-toroq fil-Munxar u Xlendi. Kien għadu kemm sar *patching* bil-*cold asphalt* fi Triq Żgħawri u Triq ix-Xatba fil-Munxar. Fix-Xlendi, l-*Beach Cleaners* qed ikomplu jiżbgħu r-*railings*, iċ-ċint u l-Latrini minn ġewwa.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħa tal-Joint Committee ġie diskuss dwar kontravvenzjonijiet li għadhom pendenti. Pendenti hemm kontravvenzjonijiet li jammontaw għal €22,000 u hu kkalkulat li madwar €12,000 ma humiex ser jinġabru.

9.02 Fil-laqgħa tas-Sindki ġie spjegat dwar l-iskema dwar Aċċessibilita' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsilli. Għaldaqstant il-Kunsill tal-Munxar irid joħroġ bi proposta ta' kif l-Uffiċċju Amministrattiv ikun aċċessibbli għal kulħadd.
Ġie diskuss ukoll rigward vetturi abbandunati fit-toroq li jkunu bla numru. Diversi Kunsilli oħra ħarġu avviż lir-residenti sabiex min għandu vettura bla numru jneħħiha mit-triq. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel l-istess u joħroġ avviż. Kien hemm qbil dwar dan.

9.03 Is-Sindku attenda għal-laqgħa fejn attenda l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fejn ġiet spjegata l-proposta ta' impjant ta' riċiklaġġ għal skart domestiku.
Huwa attenda għal-laqgħa oħra ma' l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni dwar l-iskema ta' xogħol komunitarju mill-ETC u dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja. Dr. Said ħabbar li l-Gvern ser iniedi dalwaqt skema ta' fondi strutturali u sar aċċenn li fondi fuq tiswijiet ta' toroq iridu jintefqu għal dak il-għan u jekk ma jsirx hekk il-Gvern Ċentrali jnaqqas 4% mill-allokazzjoni.

9.04 Is-Sindku bagħat risposta għall-ittra li l-Kunsill kien irċieva mingħand il-Kappillan Dun Tonio Galea rigward il-Karnival tal-Munxar fejn informah li l-Kunsill talab lil dawk li kienu ser jieħdu sehem fil-Karnival biex ikunu ħdejn il-Kunsill mit-8.00 ta' filgħodu u ma jitilqux qabel nofsinhar. Dan sabiex inkunu nistgħu nibdew fil-ħin kif ukoll kienet parti mir-regolamenti sabiex ikunu eleġibbli li jieħdu l-flus. Min ried jisma' l-quddiesa seta' sema' qabel jew fl-4 ta' filgħaxija. Fil-Pjazza ma bdejniex qabel spiċċat il-quddiesa. Rigward it-tfajliet li daħlu bil-kostum il-Knisja, dan għandu jiġi mill-individwi u jaqbel mal-Kappillan li keċċihom.

Rigward is-suġġerimenti tal-Kappillan, bħala ħin nistgħu nibdew ftit aktar tard lejn id-9.30 ta' filgħodu u nibqgħu sejrin sas-13.30. Dan għaliex iżjed tard jibda l-Karnival fir-Rabat. Wara s-13.30 ikollna problema bil-*wardens*, Pulizija, *barriers* u dawk li jieħdu sehem imorru r-Rabat u ma jiġux il-Munxar. Il-Kunsill matul is-snin ipprova kemm-il darba jsib ġurnata oħra u stabbilixxejna li għandha tkun il-Ħadd filgħodu għaliex il-Ħadd dejjem irnexxa. Il-Ħadd jaħbat mal-Karnival tax-Xewkija biss u dejjem kellna attendenza numeruża. Żgur li l-Karnival tal-Munxar ma jistax isir u jikkompeti ma' rħula akbar minna.

Is-Sindku infurmah li ħdejn il-Kunsill ma huwiex post adattat biex isir il-Karnival, dan għaliex ma hemmx spazju biżżejjed, ikollna problema bit-traffiku kif ukoll ma tistax toħloq sigurta' għal dawk li jkunu jsegwu l-Karnival. Il-programm dejjem ikun itwal minn sagħtejn u diffiċli li teħles sal-quddiesa tal-11 ta' filgħodu. Dwar il-problema tas-*sound,* kieku ġibdilna l-attenzjoni kif bdiet il-quddiesa stajna evitajnieha. Is-sena d-dieħla narmaw l-*ispeakers* iħarsu 'il fuq, daharhom lejn il-Knisja u jekk ikun hemm bżonn innaqqsu s-*sound* sakemm tispiċċa l-quddiesa.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba sabiex Sqaq Wied l-Għawdxija jingħata wiċċ ġdid peress li dan huwa l-uniku sqaq li għandu wiċċ f' kundizzjoni ħażina. Ġie deċiż li dan l-isqaq jinkesa bl-*istencil concrete*.

10.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li x-xogħol ta' restawr fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi kien beda, beda jsir *sandblasting* fuq il-makkinarju u travi, żżarmat il-magna u beda xogħol ta' *spray* dritt wara li jsir is-*sandblasting*. Qed terġa' titfaċċa l-problema fis-sistema elettrika peress li qed ikun hemm l-umdita'. Għaldaqstant is-Sur Charles Spiteri ntalab jibdel dak il-*wiring* li huwa difettuż. Il-ħaddiema li qed jaħdmu fil-Mitħna qed jilmentaw li meta jkunu qed jaħdmu fil-Mitħna, qed isir *parking* ħażin fil-bidu tad-daħla u għalhekk qed jitolbu li ssir tabella biex ma jingombrawx il-passaġġ għall-vetturi. Ġie deċiż li ssir kanna fil-bidu tat-triq biex tipprojbixxi li jsir *parking* fid-daħla.

10.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ġie kkuntatjat mill-Kumpanija KIP Għawdex Ltd. fejn qed isaqsu jekk huwiex ser isir ġbir ta' skart fix-Xlendi f' Ħadd il-Għid. Il-Kunsill ma jaqbilx li għandu jsir xi ġbir f' din il-ġurnata.

10.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ġimgħa l-oħra ġie ppubblikat reklam sabiex min jixtieq joffri servizz ta' *electrician u plumber*, mastrudaxxa, kaħħal u *mechanic* jikkuntatja lill-Kunsill. Ħadd ma kkuntatja lis-Segretarju Eżekuttiv pero' meta s-Segretarju Eżekuttiv ikkuntatja lis-Sur Jesmond Mifsud – *Electrician* u *Plumber*, is-Sur Carmel Curmi – Mastrudaxxa u s-Sur Raymond Xerri – Kaħħal, urew ix-xewqa li jagħtu servizz lill-Kunsill Lokali.

10.05 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li għadu ma rċeviex l-irċevuti fiskali kollha għall-pagament li kien sar għal xi attivitajiet li saru fil-Festa tal-Munxar tal-2008. Is-Sindku kien ser jerġa' jkellem lill-Kappillan sabiex jgħaddihom lill-Kunsill qabel ma jsir *audit* għas-sena 2008-09.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Din il-materja ġiet diskussa fl-ewwel parti tal-laqgħa.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiddiskutu.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 30 t' April 2009, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***